MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2003

Numru 206/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Mario Tonna)
**vs**
**Aronne sive Ronnie Barbara**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Aronne sive Ronnie Barbara ta' 53 sena mwieled gewwa Zejtun nhar is-19 ta' Awissu 1948 bin il-mejjet Alessandro u l-mejta Tereza nee' Farrugia.
Talli bejn it-30 ta' Ottubru 1999 u it-2 ta' Novembru 1999 ikkommetta serq minn gewwa Triq San Mark, San Giljan u cioe' minn vettura Nru CAD 638 tal-ghamla Fiat ghad-dannu ta' Jeanne E. Dowling minn San Giljan, u tad-direttur tal-licenzji liema serq jeccedi il-hamsin lira (Lm50) Maltin izda ma jeccedix il-hames mitt lira (Lm500) Maltin,

liema serq huwa aggravat bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ai terminu tal-artikoli 261, 267, 270 u 271(g) tal-kodici Kriminali, kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.
U aktar talli f’dawn il-gzejjer matul taht l-istess cirkostanzi xjentament f’Malta laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat jew xjentament b’kull mod li jkun indahal sabiex ibieghom, imexxihom jew jaghmel uzu minnhom, cioe’ ‘bumper u number plates’ CAD 638 a detriment ta’ l-istess Jeanne E. Dowling u d-direttur tad-Dipartiment tal-licenzji ai termini tal-artikolu 18 u 334 tal-Kodici Kriminali, kap 9 tal-Ligijiet ta’’Malta.
U aktar talli fl-istess zmienijiet u cirkostanzi sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalieh innifsu jew ghall-haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal set ta’ ‘number plates’ foloz (CAD 638) fuq vettura tal-marka Bedford (nru AAA179) ai terminu tal-artikoli 18, 185 (2), 186 u 188 tal-Kodici Kriminali, tal-kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.
U aktar akkuzat talli fl-istess zmienijiet u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza set ta’ ‘number plates’ foloz, u dan ai terminu tal-artikoli 187, 189 u 338 (gg) tal-Kodici Kriminali, kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta, u tal-artikoli 15, 16, 17, 18, 31 u 91 tal-Ordinanza dwar ir-regolamenti tat-traffiku, kap 65 tal-ligijiet ta’ Malta.
Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali.
Rat li l-Akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat minn din l-Qorti bi procedura sommarja.
Rat li fis-seduta ta’ llum l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih wara li l-Qorti fissritlu xi tfisser ammissjoni.
Issibu hati ta’ l-akkuzi migjuba kontrih hlief dik ta’ ricettazzjoni.
Rat l-artikoli 261, 267, 270 u 271 (g), 18, 185 (2), 186, 188, 187, 189 u 338 (gg) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 15, 16, 17, 18, 31, 91 tal-kap 65 ta’ l-istess ligijiet kif ukoll l-artikolu 22 tal-kap 446 ta’ l-istess Ligijiet ta’ Malta.

Ser tapplika l-ahhar imsemmi artikolu stante li mit-trattazzjoni dwar il-piena jirrizulta li l-hati illum sab xoghol u qabad triq tajba.
Ghalhekk fil-waqt li ssibu hati tilliberah taht il-provedimenti ta' l-imsemmi artikolu 22 tal-kap 446 b'dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.
Il-Qorti qed tfisser lill-hati l-import ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------